REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1193/2014

tal-4 ta' Novembru 2014

li jemenda għall-222 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida [1], u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1)(a) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.

(2) Fit-28 ta' Ottubru 2014, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) iddeċieda li jneħħi persuna mill-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi wara li kkunsidra t-talba li saret minn din il-persuna sabiex titneħħa minn din il-lista u r-Rapport Komprensiv tal-Ombudsperson stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1904(2009).

(3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2014.

Għall-Kummissjoni

F'isem il-President

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija
Strumenti

[1] ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

ANNESS

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, fl-annotazzjoni li ġejja taħt l-intestatura "Persuni ġuridiċi, gruppi u entitajiet", hija mħassra:

"Al-Haramain Foundation (L-Istati Uniti tal-Amerika). Indirizz: (a) 1257 Siskiyou Blvd., Ashland, OR 97520, l-Istati Uniti tal-Amerika, (b) 3800 Highway 99 S, Ashland, OR 97520, l-Istati Uniti tal-Amerika, (c) 2151 E Division St, Springfield, MO 65803, l-Istati Uniti tal-Amerika. Tagħrif ieħor: Il-fergħa tal-Fondazzjoni Al-Haramain bbażata fl-Istati Uniti ġiet formalment stabbilita minn Suliman Hamd Suleiman al-Buthe u minn assoċjat fl-1997. Data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 28.9.2004."